MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 520/2010

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carmelo Cauchi.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant Carmelo Cauchi (ID 429856M) bin Joseph u Josephine nee Caruna mwieled tal-Pieta' fl-10 ta' Ġunju 1956 u joqgħod 9 Triq Balbi, Marsa akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dipożizzjoni tal-Liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bejn l-14 t'Awwissu 2010 u l-10 ta' Settembru, 2010 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Emanuela Cauchi u / jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt

bħala manteniment għaliha u / jew għall-ulied fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tad-29 ta’ Novembru 2010 li fiha sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u, wara li rat l-artikolu 338(z) u 18 tal-Kap 9 kkundannatu għal xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tat-3 ta’ Diċembru 2010 fejn l-appellant issottometta li huwa kien talab żmien sabiex iħallas il-manteniment iżda l-Qorti għaddiet minnufih sabiex tagħti l-pienali, skond l-appellant, kienet waħda eċċessiva.

L-appellant kien informa lill-Qorti li kien hemm pendenti kważa għass-sopensjoni u l-vajrazzjoni tal-manteniment quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kif ukoll rikors sabiex il-ħlas tal-manteniment jiġi sospiż jew varjat pendente lite. Barra dan, fiż-żmien meta ma tħallasx il-manteniment, huwa kien qed jiskonta sentenza ta’ detenzjoni fil-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin. Minħabba d-detenzjoni l-pensjoni kienet imnaqqsa drastikament.

L-aggravju tal-appellant huwa l-piena fiċ-ċirkostanzi hija waħda eċċessiva tenut kont taċ-ċirkostanzi. Għalhekk huwa talab li din il-Qorti tibdel, tirriforma u timmodifika s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti in kwantu tal-piena u tikkonfermaha fil-bqija.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Rat il-fedina aġġornata tal-appellant.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament li kellha tapplika mhux biss għal dan l-appell iżda wkoll għaż-żewġ appelli l-oħra 518/10 u 519/10.

Ikkonsidrat

Illi l-ewwelnett waqt is-smigħ tal-kawża rriżulta li l-appellant kien ingħata sentenza li fiha kien hemm indikat piena ta' xahrejn u mhux ta' xahar bħalma kien hemm fis-sentenza miktuba *a proprio pugno* mill-Qorti. Din kienet is-sentenza dattilografata (ara fol 34 tal-proċess).

Tassew li waqt il-proċedura orali ma jistax jitqajjem aggravju li ma kienx imniżżel fi-rikors promotorju iżda l-Qorti tifhem li l-appellant u l-abbli difensur tiegħu joqogħdu fuq dak li jkun lilhom mogħti sabiex jintavolaw l-appell u ma jkunx faċli l-aċċess għas-sentenza miktuba a propio pugno biex isir it-tqabbil magħha.

Fil-fehma tal-Qorti hawn si tratta ta' żewġ verżjonijiet tal-istess sentenza li ma jaqblux dwar il-piena. Mill-kitba ċara tas-sentenza *a propio pugno* jidher li l-intenzjoni tal-ġudikant kienet li jikkundanna lill-appellant għal xahar detenzjoni u din il-Qorti ser tuża din is-sentenza bħala bażi u mhux dik dattilografata.

Il-Qorti semgħet ix-xhieda u t-trattazzjoni.

Mix-xhieda rriżulta li Emanuela Cauchi, mart l-appellant, illum hija separata minn żewġha. Mis-sena 2007 'l hawn l-appellant kellha jagħti bħala manteiment Lm150 lilha u Lm50 għall-ulied. Hija baqgħet tagħmel ir-rapporti fiż-żmien li żewġha ma kienx jagħtiha manteniment u dan iż-żmien ikopri dak indikat fiċ-ċitazzjoni. Imbagħad fis-7 ta' Diċembru 2010, l-Imħallef l-Onor.Dr Noel Cuschieri ddeċieda li jissospendi l-manteniment.

Fil-kontro-eżami rriżulta li t-tifel twieled fis-sena 1992 u li għalhekk fit-2 ta' Jannar tas-sena li għaddiet (2010) kien jagħlaq il-manteniment. Ix-xhud qalet ukoll li r-rapport kienet għamlitu fuq dak li jmiss lilha għax dawk kienet għadha intitolata għalihom sa ma nqatgħet is-sentenza. Għall-mistoqsija jekk hija kenitx bagħtet ittra sabeix tirranġa l-pendenzi ta' bejniethom, ix-xhud wieġbet 'Iva, jiena bgħattha' iżda ma kienet ħadet ebda risposta min-naħa tagħhom.

L-abbli avukat tal-appellant ippreżenta wkoll id-digriet datat 7 ta' Diċembru 2010 fl-ismijiet 'Carmelo Cauchi versus Emanuela sive Lilian Cauchi' mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) mill-Imħallef Noel Cuschieri li fih kien deċiż kif ġej:

'Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi kif ser jingħad, billi tissospendi l-obbligu tal-attur li jħallas il-manteniment indikat għal martu, filwaqt li tirriduċi l-ammont ta' manteniment dovut minnu lill-konvenuta għat-tifel minuri għal mitt lira fix-xahar – u dan b'effett mit-**8 ta' Marzu, 2007** sakemm l-attur jerġa' jkun fil-pożizzjoni li jaħdem.'

Ikkonsidrat

Li l-parte civile kienet korretta meta ssottomettiet li l-kawżi ċivili u l-kawżi kriminali huma indipendenti minn xulxin.(Artikolu 3 tal-Kap 9).

Min-naħa l-oħra f'dawn il-kawżi dwar manteniment u aċċess għall-ulied il-kawża Kriminali jkollha bħala bażi xi digriet jew xi kuntratt li jkollu x'jaqsam mal-proċeduri ċivili.

Id-digriet li ngħata fis-7 ta' Diċembru 2010 huwa retroattiv għal qabel id-dati msemmijin fiċ-ċitazzjoni odjerna. B'danakollu dan ma jfissirx li d-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) seta' b'xi mod iħassar ir-reita' tan-nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għal dak iż-żmien kollu meta d-digriet, sentenza jew kuntratt li kienu jirregolaw tali manteniment kienu għadhom fis-seħħ.

**Għalhekk il-Qorti qed tikkonferma (kif intalbet fir-rikors promotorju) f'dik il-parti tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih għax ebda digriet retroattiv ma jista' b'xi mod jinpinġi fuq dak li tgħid il-Liġi.**

**Biss il-Qorti qed tiddeċiedi li għandha tieħu konjizzjoni tal-bdil retroattiv dwar il-manteniment għal dik li hija piena.**

**Konklużjoni**

**Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-appell u qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi nhar id-29 ta' Novembru 2010 (Occ 593) billi waqt li tikkonfermaha fejn sabet ħtija wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kap 9, qed tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għal xahar priġunerija u minflok qed tikkundanna lill-appellant għall-ħlas ta' ammenda ta' €58.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------